MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 69/2011

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fit-28 ta’ Frar 2011 permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta’ l-24 ta’ Jannar 2011 in kwantu nulla u bla effett fil-Ligi u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-istima originali mahruga mill-Kummissarju fil-konfront tieghu ghas-sena ta’ stima 2001, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “RF1” u Dok. “RF2” a fol. 5 u 6 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, in kwantu l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u minflok il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa ghas-sena ta’ stima 2001 datata 17 ta’ Jannar 2011 u l-Avviz ta’ Rifjut datat 24 ta’ Jannar 2011 jigu kkonfermati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. “A” sa’ Dok. “D” a fol. 14 sa’ 20 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Neil Piccinino in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Novembru 2011[1] u tat-2 ta' Frar 2012[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 38 sa' 103 tal-process u a fol. 117 sa' 140 tal-process, sema' x-xhieda ta' Nicholas Briffa moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2011[3] u ra d-dokumenti, ossia ritratti, esebiti minnu a fol. 37 tal-process, sema' x-xhieda ta' Anatole Baldacchino moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2012[4], tal-31 ta' Mejju 2012[5] u ta' l-24 ta' Jannar 2013[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 141 sa' 143 tal-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2012[7] u tat-22 ta' Ottubru 2012[8] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 144 sa' 150 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol. 170 sa' 183 tal-process, a fol. 187 u 188 tal-process u a fol. 194 sa' 204 tal-process, sema' x-xhieda ta' Elaine Bartolo in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seudti ta' l-24 ta' Jannar 2013[9] u tat-22 ta' April 2013[10] u ra id-dokumenti esebiti minnha a fol. 205 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2001 kif ukoll ir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 24 ta' Jannar 2011. Huwa jibbaza l-appell tieghu mill-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa u Rijut ta' l-Oggezzjoni fuq is-sewgenti aggravji: (i) id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghal liema giet rifjutata l-oggezzjoni tieghu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 hija nulla u bla bazi fil-Ligi peress illi ma tirrispettax il-principji ta' gustizzja naturali, senjatament ma nghatatx raguni ghalfejn l-oggezzjoni tieghu giet michuda; u (ii) peress illi kien fl-impossibilità li jressaq dokumenti in sostenn tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tieghu stante li l-istess inharqu meta inharqet id-dar residenzjali tieghu, huwa illegali w illogiku da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jkompli jitlob tali dokumentazzjoni u ghaliex ma gietx provduta assuma li d-dikjarazzjoni tat-taxxa tieghu ma kenitx veritiera.

[1] Fol. 104 sa' 112 tal-process.
[2] Fol. 151 sa' 153 tal-process.
[3] Fol. 113 sa' 115 tal-process.
[4] Fol. 154 sa' 156 tal-process.
[5] Fol. 165 sa' 168 tal-process.
[6] Fol. 206 sa' 210 tal-process.
[7] Fol. 157 sa' 161 tal-process.
[8] Fol. 189 sa' 192 tal-process.
[9] Fol. 211 sa' 214 tal-process.
[10] Fol. 216 u 217 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi[11], jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta’ Taxxa ghas-sena ta’ stima 2001 u ghar-Rifjut ta’ l-Oggezzjoni u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) id-dikjarazzjoni ta’ bejgh li ghamel ir-Rikorrent ghal skopijiet ta’ *income* ma kenitx taqbel mad-dikjarazzjoni li huwa ghamel ghall-finijiet ta’ taxxa fuq il-valur mizjud; (ii) ma tressqitx prova sodisfacenti li meta nharqet id-dar tieghu fl-24 ta’ Jannar 2006, inharqu wkoll id-dokumenti relattivi ghan-negozju tieghu; (iii) kuntrarjament ghal dak minnu pretiz, il-Kummissarju f’kull hin matul l-istadji ta’ Verifika w Oggezzjoni spjega li l-bazi tat-talba tieghu kienet id-depoziti li kien hemm fil-kont bankarju tar-Rikorrent; (iv) ir-raguni li l-Kummissarju ta ghac-cahda ta’ l-oggezzjoni tar-Rikorrent kienet wahda cara u kienet motivazzjoni bizzejjed ghad-decizjoni mehuda; u (v) ma hemm xejn illegali fl-agir tal-Kummissarju f’li jitlob ghal evidenza b’sostenn tad-dikjarazzjoni maghmula mir-Rikorrent u dan isir skond kif titlob il-Ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju tieghu, u cioè li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 24 ta’ Jannar 2011, li biha giet rifjutata l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta’ Taxxa ghas-sena ta’ stima 2001, hija nulla u bla effett fil-Ligi stante li ma tirrispettax il-principji ta’ gustizzja naturali, senjatament ghaliex ma nghatatx raguni ghalfejn l-oggezzjoni tieghu giet michuda.

B’ittra datata 24 ta’ Jannar 2011[12] il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gharraf lir-Rikorrent li *l-oggezzjoni tieghek* – kopja ta’ liema giet annessa ma’ dik l-istess ittra - *giet ikkunsidrata izda l-Kummissarju ma jistghax jilqaghha ghar-raguni/ragunijiet li:* ***int inqast milli tiddikjara d-dhul kollu tieghek matul is-sena ta’ stima 2001***[13] u konsegwentement gharrfu wkoll li t-taxxa minnu dovuta ghas-sena ta’ stima 2001 hija ta’ €4,884. Ir-Rikorrent jikkontendi li *din ma hijiex motivazzjoni ta’ decizjoni. Il-fatt li l-Kummissarju johrog stima hija minnha nnfisha dikjarazzjoni li persuna skond hu tkun naqset milli tiddikjara d-dhul kollu taghha. Illi minn imkien fid-decizjoni tieghu l-istess Kummissarju ma jispjega l-ghalfejn l-oggezzjoni ta’ l-appellant giet michuda. Illi anke prima facie d-dokument notifikat lill-appellant bhala rifjut ta’ l-oggezzjoni tieghu huwa wiehed standard minghajr distinzjoni bejn kaz u iehor. Illi ghalhekk din id-decizjoni ma tirrispettax il-principji ta’ gustizzja naturali u l-principji tad-dritt u kwindi hija nulla u bla bazi fil-Ligi.*

It-Tribunal jibda billi josserva illi kif inghad mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 2/07**, decizafit-28 ta’ Jannar 2008[14], *in linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-*

[11] Artikolu 3 tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta w Ordni ta’ Assunzjoni mill-Gdid ta’ Funzjonijiet ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta’ Awwissu 2014.
[12] Dok. “RF1” a fol. 5 u 6 tal-process.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Decisions of the Court of Appeal, Volum 5 pg 285.

*gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda sempliciment amministrattiva.* ***Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b' mod approfondit, jipprovdi ir-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni***[15]. *Ara, b' ezemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "Anthony Ellul Sullivan nomine -vs- Lino C. Vassallo et nomine", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar", Appell, 19 ta' Novembru 2001 u "Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F' dawn is-sentenzi kollha, u bosta ohrajn ta' l-istess portata, il-Qrati ssenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem", ghal liema tikkollega ruhha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni", 4 ta' Marzu 1992, citata mill-Bord.* ***Dan premess, ma jidherx li jista' jigi negat illi l-Kummissarju appellat ghandu, skond il-ligi, poteri ta' "quasi judicial discretion". Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-Avviz ta' oggezzjoni mit-taxpayer hu jagixxi qisu qorti u dan jobbligah li f' kaz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni sottomessa lilu huwa ghandu jaghti r-raguni li tkun wasslitu ghal dik id-decizjoni tieghu. Huwa ghandu, fi kliem iehor, jforni dik ir-raguni li tqieghed in riljev dak li hu necessarjament sufficjenti biex jikjarixxi u jissorreggi r-ratio tad-decizjoni tar-rifjut tieghu. Is-sens komuni u r-regola ta' gustizzja naturali fuq accennata certament jesigu illi t-taxpayer ghandu jitqieghed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tieghu fl-appell lil Bord u, l-aktar, ghall-fini li fil-fazi processwali quddiem dan l-istess Bord, ikun f' qaghda li jiddizempenja ruhu kif jixraq mill-piz gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju ghandha titwarrab ghax hi eccessiva jew ghal xi motiv legali iehor***. ***Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istharrig, anke wiehed kwazi-gudizzjarji, ikun supplit bir-rekwizit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun wahda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jigi sottolinejat illi, wisq ragonevoli, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min ghandu jiggudika mhux tenut jikkonfuta l-argomenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jaghti hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tieghu***[16]. *Dan tghidu wkoll is-sentenza fl-*

[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Enfasi tat-Tribunal.

*ismijiet "Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.* ***Id-dottrina procedurali tinsenja illi, implicitament, ic-cirkustanzi u r-riljievi l-ohra li setghu gew sollevati, ankorke ma jigux specifikament imsemmija, ghandhom logikament jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata***[17].

Fil-fehma tat-Tribunal meta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontestata b'dawn il-proceduri tigi kkunsidrata fid-dawl tal-principji appena citati jirrizulta li l-istess Kummissarju effettivament ta raguni ghalfejn l-oggezzjoni tar-Rikorrent ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 ma kenitx qed tigi milqugha.

Bl-ittra ta' oggezzjoni datata 12 ta' Marzu 2010[18] ir-Rikorrent talab lill-Kummissarju jirrivedi l-istima mahruga kontra tieghu sabiex finalment ihassar u jirrevoka l-istess imsemmija stima, it-taxxa addizzjonali u imghaxijiet imposti fuqu ghaliex *my house caught fire and by consequence, all the contents at my home, personal belongings and documents were destroyed during such fire. A police report was instituted... As a result of the above, I'm unable to prove that the deposits I had during year of assessment 2001 were received on a/c. I had just started business on my own account and started to collect deposits in advance of delivery of work. Moreover I'm unable to prove the expenses incurred during year of assessment 2001, as a result of the total destruction by fire*. Wara li ghadda l-istadju ta' l-oggezzjoni fejn ir-Rikorrent kellu fic-cert laqgha wahda ma' rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni kif jirrizulta mill-minuta mill-file tad-Dipartiment esebita a fol. 140 tal-process u rega' spjega li l-ammonti depozitati fil-kont bankarju tieghu kienu pagamenti bil-quddiem ghal xoghol li kellu jigi fornut waqt is-sena bazi 2001, il-Kummissarju wasal ghall-konkluzzjoni li minkejja ta' spjegazzjoni r-Rikorrent naqas milli jiddikjara d-dhul kollu tieghu matul is-sena ta' stima 2001. Dana evidentement ifisser li l-Kummissarju ma kienx sodisfatt mill-ispjegazzjoni moghtija mir-Rikorrent biex jiggustifika d-depoziti li gew riskontrati fil-kont bankarju tieghu ghas-sena bazi 2000, liema depoziti kienu jammontaw ghal ben Lm17,034.

Fid-dawl ta' dan difficilment jista' jinghad li mir-rifjut ta' l-oggezzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghalkemm ibbazat fuq ir-raguni skjetta li *inti inqast milli tiddikjara d-dhul kollu tieghek matul is-sena ta' stima 2001,* ma jistax jigi *dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni*, partikolarment meta fil-kaz in ezami l-kwistjoni centrali li kien hemm dwar is-sena ta' stima 2001 kienu d-depoziti ammontanti ghal Lm17,034 li r-Rikorrent kellu fil-kont bankarju tieghu. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 24 ta' Jannar 2011 li biha cahad l-oggezzjoni tieghu ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 u kkonferma li t-taxxa dovuta ghal dik is-

---

[17] Enfasi tat-Tribunal.
[18] Dok. "RF2" a fol. 6 tal-process.

sena ta' stima tammonta ghal €4,884 ma hijiex nulla u bla bazi fil-Ligi. Konsegwentement ghalhekk l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell odjern ghandu jigi michud.

Fil-meritu r-Rikorrent jikkontendi li peress illi kien fl-impossibilità li jipproduci d-dokumentazzjoni mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li din sfat mahruqa meta qabdet id-dar residenzjali tieghu, l-istess Kummissarju agixxa b'mod illegali w illogiku fil-konfront tieghu meta baqa' jinsisti ghal tali dokumentazzjoni u finalment assuma li d-dikjarazzjoni tat-taxxa tieghu ma kenitx veritiera.

Jibda biex jigi osservat li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu s-setgha – u it-Tribunal izid jghid, id-dover ukoll[19] – li jaghmel kull stharrig u verifika li jidhirlu xieraq fir-rigward ta' kull taxxa li tithallas minn jew li tithallas lura lit-*taxpayer* u dana billi jqis dawk **il-prospetti, kotba <u>jew provi ohra</u>** li jkun hemm u li jingiebu 'l quddiem mit-*taxpayer*. B'hekk qabel ma jigi determinat jekk fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi Interni agixxiex b'mod illogiku w illegali fil-konfront tar-Rikorrent o meno, jehtieg jigu kkunsidrati l-fatti partikolari ta' dan il-kaz u t-tip ta' prova li r-Rikorrent gab in sostenn tal-posizzjoni tieghu.

Mill-atti processwali jirrizulta li r-Rikorrent, wara talba tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, issottometta d-dikjarazzjoni ta' taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001 fit-23 ta' Gunju 2009[20] u ghal dik is-sena ta' stima iddikjara d-dhul tieghu bhala *nil*. Id-Dipartiment investiga ulterjorment din id-dikjarazzjoni tar-Rikorrent u kif normalment isir talab diversi dokumenti minghandu sabiex jissosstanzja u jiggustifika dak minnu dikjarat in linea ta' *income*, u cioè li ghas-sena ta' stima 2001 id-dhul tieghu kien *nil*. Fost id-dokumenti mitluba r-Rikorrent kellu jipprovdi lid-Dipartiment il-kotba tal-banek, rendikont dettaljat tad-dhul u hrug u kotba tan-negozju u id-dokumenti relatati[21]. Id-Dipartiment ottjena ir-rendikonti tal-kontijiet bankarji tar-Rikorrent izda mhux id-dokumentazzjoni l-ohra ghaliex skond ir-Rikorrent din inharqet meta kienet qabdet id-dar residenzjali tieghu fl-24 ta' Jannar 2006.

Mir-rendikont tal-kont tar-Rikorrent ma' l-HSBC Bank Malta p.l.c. irrizulta li tul is-sena 2000 ir-Rikorrent kellu depoziti ammontanti ghal ben Lm17,034 u id-Dipartment naturlament ried jindaga ulterjorment dwar dawn id-depoziti partikolarment meta fid-dikjarazzjoni tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001 u b'hekk sena bazi 2000, ir-Rikorrent ddikjara li ma kellux dhul. Fl-istadju tal-verifika, u dan kif jirrizulta mill-minuta mill-file tad-Dipartiment esebita bhala Dok. "NP2" a fol. 139 tal-process, ir-Rikorrent afferma li dawn id-depoziti kienu jirrapprezentaw hlasijiet ta' xoghol mibjugh tul is-snin precedenti liema spjegazzjoni però ma gietx accettata mid-Dipartiment in

[19] Fil-kaz in ezami din is-setgha w dover tal-Kummissarju jirrizultaw mill-Artikolu 31(4) u (5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta stante li s-sena ta' stima meritu ta' l-appell hija s-sena ta' stima 2001.
[20] Fol. 43 sa' 46 tal-process.
[21] Fol. 119 tal-process.

kwantu ma kenitx tregi meta mqabbla ma' ir-rendikonti bankarji tar-Rikorrent.

Il-minuta in kwistjoni in effetti tghid hekk: *audit was initiated for Y/A 2001 since TP failed to submit the tax return and had an estimation. He also had an estimation for Y/A 2004. After a detailed explanation about the case he submitted the tax returns for Y/A 2001 & 2004, (see Red 9 a-b). The bank statements of basis years 1999 till 2001 were produced, (see Red17). In Y/A 2001 TP deposited in bank Lm17,034 while in his income tax return he declared nil income.* ***When asked to provide an explanation TP stated that these were payments that he received from works done in the previous years***[22]*. So the bank statements of basis year 1999 were produced but there were no under deposits in this year. TP was asked to produce supporting documentation but he stated that all his documents were burnt when his house caught fire (see police report in Red 13). Various letters of appointment were sent to TP but he failed to attend for the meetings held. He called me in November 09 and stated that he was going to produce a letter from his lawyer but to date this has not been submitted to me. Thus, it is suggested to raise assessment for Y/A 2001 by bringing to charge 60% of the unexplained deposits Lm17, 034 plus assumed Lm2,000 sales not deposited in bank = Lm19,034 x 60% = Lm11,420 net profit.*

Fl-istadju ta' l-oggezzjoni r-Rikorrent ta versjoni ohra bhala spjegazzjoni tal-provenjenza tad-depoziti li huwa ghamel matul is-sena 2000, u cioè li dawn kienu depoziti ghal xoghol li kellu jinbiegh fis-sena ta' wara. Dana jirrizulta b'mod car kemm mill-ittra ta' oggezzjoni tar-Rikorrent stess kif ukoll mill-minuta mill-file tad-Dipartiment esebita a fol. 140 tal-process. Fl-imsemmija minuta jinghad: *taxpayer was audited for YA 2001 because he had failed to file the tax return. When this was filed he declared a NIL income. However, from deposits in his bank accounts it was obvious that taxpayer was trading, especially since he was operating a quarry both in the preceding and well was the following years to the year 2000. He was asked to produce his trade books, but he claimed these were burnt in a fire that took place at his house of residence. Taxpayer's explanation for the deposits was that these were payments by debtors from the previous years. However, while the deposits in 2000 amounted to over Lm17,000 the sales for the years 1998 and 1999 totalled only Lm9,256, and the deposits in the bank account for 1999 were in line with the sales declared for that year. An assessment was therefore issued for YA 2001, based on a net income for 60% on the estimated turnover.* ***At objection stage, taxpayer tried to explain the deposits in the bank by saying that these were payments in advance for the year 2001***[23]*. While this would have been quite strange for the type of business taxpayer runs, the explanation was also not credible due to the fact that the deposits in the bank account for 2001 were also in excess of the sales declared*

[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Enfasi tat-Tribunal.

*for the year, which amounted to only Lm10,900. We tried to reach a compromise agreement, but taxpayer did not agree. It is therefore being recommended that the objection to the YA 2001 asst by refused.*

Meta xehed quddiem it-Tribunal u ressaq il-provi in sostenn ta’ l-appell tieghu, partikolarment meta ressaq bhala xhud lill-accountant tieghu Anatole Baldacchino, ir-Rikorrent mill-gdid biddel il-versjoni tieghu dwar l-origini ta’ dawn id-depoziti fil-kont bankarju tieghu. Tul dawn il-proceduri l-affermazzjoni jew ahjar allegazzjoni tar-Rikorrent hi fis-sens li dawn id-depoziti kienu flus li huwa b’self minghand tlett burdnara biex ikun jista’ jiffaccja l-ispejjez inizjali fit-thaddim ta’ barriera tal-gebel li thallsu lura permezz ta’ gebel li kien inqata’ mill-barriera.

Waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2012[24] Anatole Baldacchino, l-accountant tar-Rikorrent li kienu wkoll assisstih waqt it-tax audit li kienet qed issir fil-konfront tieghu, dwar dawn id-depoziti xehed *peress li fil-bidu kien hemm level quarrying riedu jinvestu huma u ma setghux johorgu l-prodott finali tal-gebla u ried jghaddi certu zmien.* ***Li niftakar hu li Raymond riedu jaghmlu tip ta’ barter ghal mal-kuntratturi u kienu qed jghaddulhom flus li kien jiddepozitahom fil-bank dawn[25].*** In risposta ghad-domanda *biex niftehmu din tal-barter x’kien jigri ezatt?* huwa xehed ***kien qisu qed jitfa’ deposit in anticipation li eventually kien jaghtih prodott finali[26].*** *Kien kaz specifiku biex nghidu hekk u mhux normali li niltaqghu ma’ dawn is-sitwazzjonijiet. Jiena però kont iccekkjat mas-sid tal-barriera biex nivverifika jekk Raymond kienx qed ighidli l-verità u huwa minnu li kien hemm hafna spejjez fil-barriera u dak kien l-investiment tieghu li ried jirranga l-levelling tal-barriera.* Meta rega’ xehed waqt is-seduta tal-31 ta’ Mejju 2012[27], dejjem fir-rigward ta’ dawn id-depoziti Anatole Baldacchino iddikjara *fil-bidu l-barriera kien fiha hafna hsara u jiena kont iccekkjajt fuqha din u kien veru allura ma setax jipproduci l-prodott mal-ewwel u ried jaghmel certu investiment.* ***Raymond min-naha tieghu ma kellux il-financial backing jigifieri ma setax imur il-bank u jghidlu ezempju tini ghaxart elef.*** … [Il-barriera] ***kienet mikrija u beda jasal f’tip ta’ arrangamenti ma’ diversi burdnara fejn dawn ighaddulu l-flus, dan beda juzahom biex jinvesti u jkompli jasal ghall-wicc imbaghad wara pattihulhom bil-prodott innifsu[28].*** Ghad-domanda *l-mistoqsija tieghi hija fil-fatt, mhux payment in advance?* Anatole Baldacchino irrisponda ***kien self as such***. Meta xehed in kontro-ezami waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Jannar 2013[29], in risposta ghall-mistoqsija *ladarba ma kienx hemm income ghal dik is-sena* [ossia s-sena 2000] *id-depositi li jinsabu fil-kontijiet bankarji milli tiftakar inti, tiftakar x’kienu?* Anatole Baldacchino mill-gdid iddikjara *iva r-raguni già tajtha l-*

[24] Fol. 154 sa’ 156 tal-process.
[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Enfasi tat-Tribunal.
[27] Fol. 165 sa’ 168 tal-process.
[28] Enfasi tat-Tribunal.
[29] Fol. 206 sa’ 210 tal-process.

*ahhar darba fix-xhieda, ga tajt spejgazzjoni taghha meta dehert l-ahhar darba, din kienet, hu Raymond ried financing min-naha tal-bank, meta gie javvicinani ghedtlu trid toffri security u affarijiet bhal dawn biex il-bank jaghtik, il-bank mhux ser jaghtik fuq xejn u ovvjament Raymond ma kellux assets biex jersaq lejn il-bank, ma setghax javvicina l-bank biex jisilfu biex ikun jista' jaghmel l-ispejjez tal-bidu.* ***Li sar huwa li dawn il-burdnara li riedu x-xoghol minn ghandu ddecidew li jaghtuh il-flus biex jghinuh, it was a loan basically. Forsi hu ma jafx jispjega, imma dik kient il-bicca tax-xoghol***. In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal *u ta' dan is-self kien hemm dokumentazzjoni?* Anatole Baldacchino iddikjara *yes, hu li ghamel imbaghad kien jiddepozithom gol-bank statement, ovvjament biex izomm record taghhom, imbaghad jara* u in risposta ghall-mistoqsijiet ulterjuri tat-Tribunal *ma kienx hemm kitba, allura r-repayment lura ta' dawn il-flus fiex kien jikkonsisti? Imma jigifieri sa' fejn taf inti l-hlas lura tal-loan kien bi flus direttament u mhux by barter?* Anatole Baldacchino irrisponda ***dak imbaghad hu kien jidhol, jigifieri jhallashom lura, u meta beda jingrana fl-2001 beda jdahhal il-flus, ibiegh u jhallas, dawn huma kollha cash basis dawn. ... sa' fejn naf jien a form of loan bi hlas lura kien, sa fejn naf jien***[30]. In risposta ghad-domanda li saritlu in ri-ezami *il-punt, il-fulkru huwa dawn l-imberkin flus li ghaddewlu il-burdnara, jigifieri nduru fejn induru hemm irridu naslu. Fuq li kienet qed tghidlek is-Sinjura Magistrat, jigifieri dawn tawh il-flus, milli tiftakar int, milli qallek it-taxpayer etc., hu kif kellu jhallashom lura dawn?* Anatole Baldacchino irrisponda ***ifhimni hu ried ihallashom lura jew b'xoghol, jew jaqtaghlhom il-gebel jew jaghtihom flus lura hux***. Meta mistoqsi mit-Tribunal però *imma hu kien qallek, int ovvjament mhux se tghidlu l-mod kif ihallashom lura napprezza, però kien qallek meta kien igiblek ix-xoghol biex taghmillu l-accounts jew fil-kors ta' l-investigazzjoni?* Anatole Baldacchino irrisponda *huma peress li kienu burdnara setghu jiehdu x-xoghol tal-gebel* izda meta mistoqsi mit-Tribunal *imma mhux setghu, bhala fatt ir-Rikorrent qallek kif hallashom lura?* Anatole Baldacchino irrisponda *ma niftakarx.*

Waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2012 ir-Rikorrent xehed wara li xehed Anatole Baldacchino u in risposta ghall-mistoqsija *inti stess lil tat-taxxa kont tajthom l-istatements tal-bank, dawn qed juru depoziti ta' Lm17,000. Spjega ftit dawn id-depoziti x'kienu, minghand min tkun ircevejthom u xi jsir wara?* ir-Rikorrent irrisponda *jien kont ircevejthom minghand kuntratturi li riedu gebel minghandi ghax riedu gebla tajba. ...* ***Il-kuntratturi jkunu tawni l-flus u jiena kont nitfaghhom ghal spejjez ta' diesel u hsarat etc. Imbaghad jehduhom bhala gebel u ghalhekk jigi bhala tpartit. Dan kien deher bhala dhul imma ma kienx dhul fil-fatt***[31]. Fuq osservazzjoni tat-Tribunal: *tpartit mhuwiex ghax tpartit oggett ma' oggett, dawn il-flus kont tissellfihom u troddhom lura fforma ta' materjal jew kienu*

[30] Enfasi tat-Tribunal.
[31] Enfasi tat-Tribunal.

*depoziti, fis-sens in-natura taghhom inti meta kont qed tehodhom minghand il-kuntrattur, kont qed tissellef u imbaghad thallsu lura bil-gebel jew kont qed tiehu hlas minn qabel ghall-materjal li kien ser jixtru minghandek?* ir-Rikorrent irrisponda *kienu ser jigu bhala hlas qabel ghax dawn ma kontx inhallihom id-dar peress li grali li grali*[32].

In kontro-ezami r-Rikorrent iddikjara ***matul is-sena 2000 jiena fil-bank statement kont ghamilt depozitu ta' Lm17,034. Dawn kienu inghataw lili b'self, imbaghad jien kont hallastu lura f'forma ta' materjal. Jiena dan is-self kont hadtu minghand il-burdnara li kienu jigu ghandi dak iz-zmien. Il-flus kienu tawhomli tlieta minnies differenti***[33]. *Jiena d-depozitu fil-fatt ma kontx ghamiltu f'salt izda kont ghamiltu kull darba li jaghtuni xi haga niddepozitahom. Jiena dan is-self kont hadtu biex inkun nista' nkompli fil-barriera. Fuq domanda tat-Tribunal nghid illi jiena kont niddepozita dawn l-ammonti l-bank gharraguni li ma ridtx inzommhom fuqi. Nispjega li jiena fil-fatt kont nissellef kemm kemm iktar milli kien ikolli bzonn dak iz-zmien. Biex tibda twitti l-barriera ghandek hafna spejjez u l-materjal tkun ghadek ma bdejtx tiehdu. Apparti minn hekk kont niehu kemm kemm izjed biex inkun nista' nhallas anke ghad-diesel.* ***Qed nigi mistoqsi liema mid-dikjarazzjonijiet hija korretta fis-sens dik li tghid fl-istadju tal-audit illi l-isbatax-il elf li ghadhom kif issemmew kienu hlasijiet ghal xoghol li jiena kont tajt, imbaghad fl-oggezzjoni ghidt illi dawk kienu hlasijiet li rcevejt minn qabel ghal xoghol li kien ghad irid johrog, liema minnhom hija l-verita' nghid illi l-verita' hija dik li ghadni kif spjegajt issa jigifieri li kienu self. Pero' rrid nispjega li ghalija dan kien tpartit. Jiena tajt verzjonijiet differenti ghax ma kontx qed nifhem x'inhu jigri. Fuq domanda tat-tribunal nispjega li jiena dawn il-hlasijiet minghand il-burdnara kont nehodhom mhux fil-verita' bhala forma ta' self izda kienu depoziti fuq ordnijiet ta' konsenji ta' gebel li kienu jsiru u naturalment jiena kont niehu dawn id-depoziti biex inkun nista' nkompli nahdem, imbaghad lill-burdnar naghtih il-gebel. Id-depozitu li jiena kont nircievi pero' kien dejjem ikun iktar mill-hlas li kont naghti lura gharraguni li mill-barriera jiena ma kontx naqdi lill-burdnar specifiku biss imma kont naqdi diversi nies***[34]. In ri-ezami in risposta ghad-domanda: *Meta l-burdnar tak il-flus, hu jaghtik il-flus imbaghad inti qed thallsu lura billi taghtih il-materjal, pero' meta tak il-flus, hu jkun specifiku? Jghidlek isma rrid 50 vjagg gebel jew tak il-flus imbaghad inti tibda taqta' dawk il-flus billi qed taghtih materjal skont meta ghandu bzonn?* ir-Rikorrent irrisponda: *Skont meta ghandu bzonn. Jigi u naghtih il-materjal* u in risposta ghall-mistoqsijiet tat-Tribunal: *Spjegali ezattament. Kien jigi l-burdnar jghidlek ghandu tant bzonn tant vjaggi gebel u inti kont tiehu l-flus minn qabel? Imma l-flus ghalfejn kien tahomlok? U fil-mument li tak il-flus, kien*

[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2012, fol. 157 sa' 161 tal-process.
[33] Enfasi tat-Tribunal.
[34] Enfasi tat-Tribunal.

*hemm ordni ghall-vjaggi ta' gebel?* ir-Rikorrent irrisponda: *Kont qed inwitti il-barriera u l-gebla kienet sewwa. Kien tani l-flus biex inkompli naqla' l-wicc. ... Biex inkompli naqla' l-wicc, ghad-diesel u spejjez. ...* ***Iva, mela. Jekk mhux ha jkun hemm l-ordni, mhux ha jaghtihomlok fuq xejn***[35]**.** In risposta ghall-mistoqsijiet ulterjuri tat-Tribunal: *Ma sselifthomx inti just biex tahdem. Kont qed titlobhomlu minn qabel ghall-vjaggi li kien ordnalek?* ir-Rikorrent irrisponda: *Mhux self jigi?* u ghall-mistoqsija *Le, pero', hu fil-mument li tak il-flus, dan mhux mort fuqu ghidtlu isma jien ghandi bzonn il-flus, tini mbaghad inhallsek lura. Dan gie fuqek qallek jien ghandi bzonn tant vjaggi gebel. Allura int kont titolbu deposit fuq il-vjagg?* ir-Rikorrent irrisponda: ***Ezatt***[36].

Ghalkemm ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 u ghar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni fuq l-aggravju centrali li d-dokumentazzjoni pertinenti ghan-negozju nqerdet ghal kollox fil-hruq tad-dar residenzjali tieghu fl-2006, it-Tribunal ma jistax jonqos milli jinnota n-nuqqas ta' kredibilità tar-Rikorrent u tax-xhud Anatole Baldacchino. Konsapevoli tal-fatt li l-kotba tan-negozju ma humiex l-uniku mod kif wiehed jista' jissosstanzja d-dhul jew nuqqas ta' dhul tieghu izda jista' jkun hemm provi ohra in sostenn ta' dan, ir-Rikorrent ittenta jaghti spjega tal-provenjenza tad-depoziti minnu maghmula fis-sena 2000, liema spjega però inghatat fi tlett versjonijiet differenti, li dan fih innifsu già jimpingi serjament fuq il-veracità ta' l-istess.

Fir-rigward ta' l-"ispjegazzjonijiet" moghtija mir-Rikorrent dwar il-provenjenza ta' dawn id-depoziti fl-istadju tal-verifika u ta' l-oggezzjoni già irrizulta mill-minuti tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni esebiti fl-atti li l-istess ma jregux. Fir-rigward ta' l-ahhar "spjegazzjoni" li r-Rikorrent ta tul is-smigh ta' dawn il-proceduri dwar il-provenjenza ta' dawn id-depoziti, it-Tribunal bla ezitazzjoni ta' xejn jghid li din ukoll hija ghal kollox fattwalment insostenibbli.

Apparte l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet f'dak dikjarat kemm minn Anatole Baldacchino kif ukoll mir-Rikorrent stess, ir-Rikorrent ma ressaqx provi ohra in sostenn ta' dak minnu issa affermat. Dato ma non concesso li r-Rikorrent seta' tilef id-dokumentazzjoni kollha relatata man-negozju tieghu fil-hruq tad-dar residenzjali tieghu, huwa ma ressaqx lit-tlett burdnara li allegatament tawh b'self il-flus minnu depozitati fil-kont bankarju tieghu tul l-2000 u lanqas ma ressaq lil sid il-barriera biex jixhed dwar l-istat li fih kienet l-istess barriera meta giet koncessa lilu. Jigi osservat ukoll illi ghalkemm issa r-Rikorrent jipprova jargumenta li kellu hafna spejjez u xejn bejgh u ghalhekk kellu bzonn dawn il-flus b'self biex ikun jista' jwitti l-barriera u jibda jiehu l-materjal minnha, dak minnu allegat jinsab kontradett mid-dikjarazzjonijiet minnu stess sottomessi kemm ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* kif ukoll ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud.

[35] Enfasi tat-Tribunal.
[36] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, fol. 189 sa' 192 tal-process. Enfasi tat-Tribunal.

Mill-*profit and loss accounts* ghas-sena bazi 1999 sottomessi mir-Rikorrent flimkien mad-dikjarazzjoni tat-taxxa ghas-sena stima 2000[37], jirrizulta li fl-1999, ossia s-sena ta' qabel is-sena bazi meritu ta' dawn il-proceduri, ir-Rikorrent flimkien ma' huh Mario Farrugia kellhom *turnover* min-negozju minnhom operat mill-barriera in kwistjoni ta' Lm6,126, liema negozju hallielhom *net profit* kongunt ta' Lm4,919, ossia *net profit* ta' Lm2,459.50 kull wiehed. Iktar determinanti minn tali *profit and loss accounts* ghas-sena bazi 1999 huma d-dikjarazzjonijiet sottomessi mir-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghall-perijodi 01.07.99 sa' 30.06.00 u 01.07.00 sa' 30.06.01[38], inkluza ghalhekk is-sena meritu ta' dawn il-proceduri, minn liema jirrizulta li tul dan il-perijodu r-Rikorrent iddikjara bejgh ta' *taxable goods* fl-ammont ta' Lm8,873.97 u ta' Lm5,247.40 rispettivament, kwindi altru milli ma setghax johrog materjal mill-barriera in kwistjoni.

Rinfaccjat b'dawn id-dokumenti, li gew esebiti mill-gdid a fol. 197 sa' 204[39], Anatole Baldacchino iddikjara li kien sorpriz hafna bid-diskrepanza bejn dak dikjarat mir-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* ghas-sena ta' stima 2001 u dak dikjarat mill-istess Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.99 sa' 30.06.01, ghaliex skontu t-Tax Compliance Unit qatt ma qalulu xejn fir-rigward. In effetti waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013[40], ghall-mistoqsija *issa gie nnutat li hemm differenza bejn il-bejgh dikjarat ghall-perijodu ta' l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 2005 u l-bejgh dikjarat fil-profit and loss ta' l-appellant, liema accounts ghedtli li kont tiehu hsiebhom inti, tista' tispjega ghaliex hemm din id-diskrepanza?* Anatole Baldacchino irrisponda *li qed nisma' diskrepanza l-ewwel darba li qed nismaghha ghax meta ersaqt it-TCU ma jidhirlix li kien hemm diskrepanza bejn profit and loss u vat returns, din qed nismaghha l-ewwel darba jigifieri, qatt ma smajtha.*

Fid-dawl tad-diskrepanza evidenti li hemm bejn dak dikjarat mir-Rikorrent ghall-finijiet ta' *income* u dak dikjarat ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghas-sena meritu ta' dawn il-proceduri, it-Tribunal difficilment jista' jemmen li Anatole Baldacchino li, jigi ribadit, kien l-accountant tar-Rikorrent li kien jiehu hsieb kemm id-dikjarazzjonijiet ta' taxxa ghall-fini ta' *income* inkluzi l-*profit and loss accounts*, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ghall-fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud, ma kienx a konoxxenza ta jew ta' l-inqas induna b'din id-diskrepanza.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal ma jsib assolutament xejn illegali jew illogiku fl-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tar-Rikorrent u f'li baqa' jinsisti mieghu li jipproduci dokumentazzjoni u prova in sostenn tal-provenjenza tad-depoziti bankarji minnu maghmula fis-sena 2000. Lanqas ma jsib xejn illegali jew illogiku f'li l-Kummissarju tat-Taxxi

[37] Fol. 70 sa' 75 tal-process.
[38] Fol. 187 u 188 tal-process.
[39] Liema dokumenti fil-fatt ikopru l-perijodi ta' taxxa bejn l-1999 u l-2005.
[40] Fol. 206 sa' 210 tal-process.

Interni finalment wasal ghall-konkluzzjoni li s-somma ta' Lm17,034 depozitata mir-Rikorrent fil-kont bankarju tieghu tul is-sena 2000 effettivament tirrapprezenta *undeclared sales*. It-Tribunal huwa in effetti konvint li dan l-ammont kienu *undeclared sales* u r-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti li tikkonvinci lit-Tribunal mod iehor, anzi l-mod kif ressaq il-kaz tieghu juri nuqqas ta' kredibilità f'dak minnu affermat u konsegwentement pretiz.

Ghal kull buon fini jigi osservat li waqt it-trattazzjoni orali in sua difesa r-Rikorrent stieden lit-Tribunal sabiex izomm f'mohhu wkoll iz-zmien piuttost twil bejn is-sena ta' stima in kwistjoni u s-sena meta huwa kien qed jigi investigat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, liema zmien irid jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li *taxpayer* ma huwiex obbligat izomm il-kotba tan-negozju tieghu oltre perijodu ta' zmien partikolari.

F'tali rigward it-Tribunal josserva li ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 19(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta persuna li ghandha sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni ghandha zzomm records xierqa u sufficjenti ta' l-*income* u spejjez taghha ghal zmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jkunu tlestew it-transazzjonijiet, l-atti jew l-operazzjonijiet li ghalihom jirriferixxu u ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta l-Kummissarju jista' johrog sitma jew stima addizzjonali ghal xi sena ta' stima partikolari li tigi wara l-1999 mhux iktar kmieni miz-zmien previst ghas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa ghal dik is-sena ta' stima u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena, fil-kaz in ezami jirrizulta li ir-Rikorrent naqas milli jissottometti d-dikjarazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2001 entro l-perijodu previst fil-Ligi u pprezentaha biss fit-23 ta' Gunju 2009 wara li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni dderrigih biex jipprezenta tali dikjarazzjoni ta' taxxa. Jigi osservat ukoll li l-kwistjoni tal-perijodu tul liema *taxpayer* li ghandu sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni ghandu jzomm records ftit li xejn ghandha rilevanza fil-kaz in ezami stante li l-investigazzjoni fir-rigward tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2001 (ossia sena bazi 2000) infethet fil-11 ta' Mejju 2009, ossia fi kwalunkwe kaz entro dak il-perijodu ta' disa' snin imsemmi fl-Artikolu 19(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan l-istadju t-Tribunal jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjoni. Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in sostenn tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2001, jirrizulta li l-istess Kummissarju hadem fuq *net profit margin* ta' 60%. Minn kalkoli u verifiki ulterjuri li ghamel il-Kummisarju irrizulta li mir-*returns* tar-Rikorrent stess ghas-snin 1995 sa' 2005, liema *returns* ma jidhirx li huma kontestati mill-Kummissarju, l-*average net profit margin* huwa ta' 55%. Ghal xi raguni però, liema raguni baqghet ma gietx sodisfacentement spjegata minkejja x-xhieda ta' Elaine Bartolo, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddecieda li ghal din is-sena ta' stima partikolari japplika *net profit margin* ta' 60% flok jibqa' fl-

ambitu car tal-*profit margin* tar-Rikorrent li kif ammess mill-istess Kummissarju kien ta' 55%.

Minkejja din l-inkonrguwenza fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2001, it-Tribunal ma jistax jordna r-revizjoni 'l isfel ta' l-istess stima ghar-raguni li fil-meritu l-aggravju tar-Rikorrent huwa biss li d-dhul tieghu ghas-sena ta' stima 2001 huwa *nil* kif minnu originarjament dikjarat, fatt dan li rrizulta ghal kollox inveritier. Fil-fehma tat-Tribunal bil-mod kif inhu impostat l-aggravju fil-meritu ossia fejn ir-Rikorrent jishaq li *t-tieni aggravju ta' l-esponent huwa car u manifest in kwantu huwa qieghed fl-impossibilità li jiddefendi ruhu mill-allegazzjoni gratuita mressqa fil-konfront tieghu mill-Kummissarju appellat. Illi minn imkien ma jirrizulta li l-Kummissarju appellat minn xi imkien ta' xi hjiel lill-esponent tal-bazi ta' l-allegazzjoni tieghu li l-appellant ma kienx iddikjara d-dhul kollu tieghu ghas-sena ta' stima 2001. Illi inoltre l-istess Kummissarju baqa' jitlob prova minghand l-esponent meta kien ben konsapevoli li dan jipprovdilu prova minhabba hruq tad-dar tieghu. Illi dan il-fatt tal-hruq tad-dar ta' l-esponent ma hijiex xi invenzjoni gratuita tieghu izda hija kkonfermata minn rapporti tal-Pulizija. Illi ghalhekk meta taf li persuna hija fl-impossibilità li tressaq dokument, huwa illegali u illogiku li tibqa' titlobha tali dokument jew prova u imbaghad ghax ma hijiex f'posizzjoni li tressaq l-istess tassumi li dikjarazzjoni li saret meta tali prova kienet tezisiti ma hijiex wahda inveritiera*, kemm-il darba kellu jordna r-revizjoni 'l isfel tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa meritu ta' dawn il-proceduri ikun qed jagixxi *ultra petita*.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 u mir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 24 ta' Jannar 2011 u minflok jikkonferma l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa u Rifjut ta' l-Oggezzjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------